



Brussell, 5 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16234/25

LIMITE

EF 395
ECOFIN 1661
AG 191
BETREG 48
IA 216
ANTICI 204
ECB
EIB

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konsegwenzi ekonomiċi tal-leġiżlazzjoni tal-UE - Nota ta' analiżi mill-Presidenza

Fid-dawl tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tat-12 ta' Diċembru 2025, id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' analiżi mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Nota ta' analiżi għall-ECOFIN 12 ta' Diċembru 2025

Konsegwenzi ekonomiċi tal-leġislazzjoni tal-UE ^{5 ta' Diċembru 2025}

Kif indikat fir-Rapport ta' Draghi tal-2024, il-piżijiet regolatorji u amministrattivi eċċessivi jistgħu jdgħajfu l-kompetittività tal-Ewropa, il-"korpus" tar-regolamentazzjoni huwa kbir, il-"fluss" ta' regolamentazzjoni ġdida fl-UE qed jikber b'rata aktar mgħaġġla milli f'ekonomiji komparabbli oħra, u l-isforzi biex jitnaqqsu l-korpus u l-fluss kellhom impatt limitat s'issa.

F'Ottubru, il-Kunsill Ewropew appella fil-konklużjonijiet tiegħu għal sforzi fil-livelli kollha "biex jitnaqqsu drastikament, b'urġenza, il-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rapportar għan-negozji, inklużi l-SMEs, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi", hegġegħ lill-Kummissjoni u lill-koleġislaturi biex "tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u l-introduzzjoni ta' piżijiet amministrattivi ġodda, b'mod partikolari għall-SMEs, matul il-proċessi leġislattivi u ta' implimentazzjoni fil-livelli kollha", u appella għal "awtostrizzjoni leġislattiva u regolatorja".

Il-pakketti omnibus tal-Kummissjoni jnaqqsu l-piżijiet li jirriżultaw mill-korpus tar-regolamentazzjoni tal-UE. Madankollu, hemm riskju sinifikanti li mingħajr għodod ta' monitoraġġ xierqa l-piżijiet li jirriżultaw mill-fluss ta' regolamentazzjoni ġdida jegħlbu dawn l-isforzi.

Monitoraġġ tal-kostijiet u l-benefiċċji ġġenerati mill-fluss ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE

Dawk li jfasslu l-politika Ewropea lanqas biss għandhom stampa ġenerali bażika tal-kostijiet u l-benefiċċji kumulattivi ġġenerati mill-fluss kostanti ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE. Il-Presidenza Daniża fasslet stampa ġenerali tal-kostijiet u l-benefiċċji għan-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi Ewropej li jirriżultaw mill-proposti kollha li bħalissa qed jiġu nnegozjati fil-konfigurazzjonijiet kollha tal-Kunsill. L-istampa ġenerali turi li għan-negozji Ewropej, jekk jiġu adottati, dawn il-proposti – flimkien ma' kostijiet sostanzjali ta' darba — ser iżidu kostijiet amministrattivi rikorrenti ġodda ta' madwar EUR 1.4-1.5 biljun u kostijiet ta' aġġustament rikorrenti ta' madwar EUR 11.9-19.6 biljun. Dan juri wkoll li għall-awtoritajiet pubbliċi, dawn il-proposti ser iżidu madwar EUR 119-140 miljun f'kostijiet amministrattivi rikorrenti u EUR 2.1-9.2 biljun f'kostijiet ta' aġġustament rikorrenti. Ta' min jinnota li l-ispejjeż totali jistgħu jiġu sottovalutati peress li l-istimi xi drabi jkunu biss parzjali.

Il-passi li jmiss

Il-Kunsill (COMPET) iddiskuta l-istampa ġenerali tal-kostijiet u l-benefiċċji għan-negozji fit-8 ta' Diċembru. Il-Kunsill (KAĠ) ser jadotta konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Simplifikazzjoni u r-Regolamentazzjoni Aħjar fis-16 ta' Diċembru.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ser jistipulaw li:

- il-Presidenza (assistita fil-kompiti tagħha mis-segretarjat tal-Kunsill) tipprovdi darba kull semestru stampa ġenerali aġġornata tal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali, regolatorji u oħrajn kif ukoll il-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament għan-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi minn proposti li qed jiġu nnegozjati bħalissa.
- il-Kunsill, fil-konfigurazzjonijiet ECOFIN u COMPET tiegħu, jiddiskuti l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u regolatorji u l-kostijiet aggregati amministrattivi u ta' aġġustament għan-negozji, iċ-ċittadini, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, anke fil-livell tal-UE, mil-leġislazzjoni proposta tal-UE abbażi ta' din l-istampa ġenerali, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi ta' konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill.
- Il-Kunsill (KAĠ) ser jieħu kont ta' dawn id-diskussjonijiet, b'mod partikolari fid-diskussjonijiet tiegħu dwar is-simplifikazzjoni u dwar il-programmazzjoni leġislattiva.

Kwistjonijiet li jridu jiġu diskussi

- *Il-kostijiet ġenerali huma proporzjonali mal-benefiċċji? Il-benefiċċji netti jistgħu jittejbu?*
- *Il-kostijiet u l-benefiċċji ġenerali jappoġġaw l-għan li jiżiedu l-kompetittività u l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji Ewropej?*
- *Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi ta' konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill, il-ministri għandhom kummenti dwar il-konsegwenzi ekonomiċi tal-leġiżlazzjoni proposta fit-tabella ta' stampa ġenerali?*